MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Marzu, 2015

Numru 530/2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 65634M akkuzat talli nhar is-27 ta' Jannar 2014 ghall-habta ta' bejn 16.00hrs u 17.00hrs gewwa Triq Ghajn Tuffieha, Mgarr:

1. involontarjament ikkagunajt griehi ta' naturi gravissima fuq Massimo Camilleri, skond kif iccertifika Dr. Thomas Armathys MD Reg No. 2788 gewwa l-Isptar Mater Dei, meta accidentalment tghajjartu bil-vettura tieghek tal-ghamla Vauxhall Brava bin-numru tar-registrazzjoni JAD 946, waqt li kont qed issuq;
2. involontarjament ikkagunajt liz-ziemel ta' Massimo Camilleri jghaddi min tbghatija, fejn izjed tard kellu jinqatel, wara li int accidentalment tghajjartu bil-vettura tieghek tal-ghamla Vauxhall Brava bin-numru tar-registrazzjoni JAD 946;
3. Involontarjament ikkagunajt hsara fuq is-serkin tal-istess Massimo Camilleri;
4. Soqt il- vettura tieghek tal-ghamla Vauxhall Brava bin-numru tar-registrazzjoni JAD 946 b'mod traskurat u negligenti;
5. Soqt il- vettura tieghek tal-ghamla Vauxhall Brava bin-numru tar-registrazzjoni JAD 946 b'velocita' eccessiva;

Il-prosekuzzjoni qed titlob lil Qorti sabiex f’kaz ta’ htija tiskwalifika lill-imputat mill-licenzja tas-sewqan jew min li jottjeni licenzja tas-sewqan.

Semghat l-imputat jammetti l-akkuza fl-liema ammissjoni baqa’ jinsisti anke wara li l-Qorti taghtu zmien jirrkonsidra;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizzjonata tal-imputat tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi migjuba kontra tieghu;

Din titratta incident stradali li fih l-imputat laqghat serkin, bil-konsegwenza li korriet il-parti leza u kellu jinqatel iz-ziemel;

L-imputat irregistra ammissjoni li hija wahda volontarja u inkondizzjonata u insista fuqa b’hekk li l-Qorti m’ghandiex xelta hlief li tiddikjarah u ssibu hati tal-akkuzi kollha kif riportati fit-tahrika.

Rat l-Artikolu 226 (b), 325 tal-Kap 9 u l-Artikolu 15 tal-Kap 65.

Tikkundannah sentejn prigunerija sospiza ghall-erba snin u tordna li jigu sospizi l-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghal tmien t’ijiem mill-lum.

Il-Qorti spjegat lill-imputat ir-responsabilitajiet tieghu skond is-sentenza.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------